

# Il-Misteri ta' Marija fil-Liturġija tas-Sigħat

## Kantiku Evanġeliku ta' Żakkarija

*Il-Messija u l-Prekursur tiegħu, Lq 1, 68-79*

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Israel, *
    għaliex ġie jżur u jifdi lill-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
    f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
    b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
    u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
    u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
    li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
    naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
    bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti tfajjel, tissejjaħ profeta tal-Għoli; *
    għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
    bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
    li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
    fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
    ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

# Werrej

Kantiku Evanġeliku ta' Żakkarija

8 ta' Diċembru
It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija......4
I Għasar......4
Tifħir......7
II Għasar......10

25 ta' Marzu
It-Tħabbira tal-Mulej......13
I Għasar......13
Tifħir......17
II Għasar......20

31 ta' Mejju
Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija......25
I Għasar......25
Tifħir......28
II Għasar......31

2 t'Awissu
Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' l-Anġli tal-Porziuncola......34
Tifħir......34
Għasar......37

Komun tal-Madonna
I Għasar......40
Tifħir......43
II Għasar......46

Antifoni tal-Madonna
Tota Pulchra......49
Alma Redemptóris Mater......50
Regina Cæli......50

Kantiku Evanġeliku ta' Marija

# 8 ta' Diċembru

## It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija

## I Għasar

### Innu

Bieb tas-sema li ġo qalbek
tiftaħ kenn għall-Verġni kollha,
int, Omm Alla w dejjem Verġni,
tama tagħna w ferħ tal-ġenna.

O ħamiema bajda w safja,
ġilju qalb l-għollieq tal-ħajja,
bik mill-għerq ir-rimja ħarġet
għall-fejqan tal-ġerħa tagħna.

Reġġa' lura, torri qawwi,
ħbit il-għadu w biegħdu minna:
bid-dawl tiegħek, kewkba tiddi,
ġewwa l-port mixtieq wassalna.

Minn kull deni ta' qerq oħroġna,
żommna mbiegħda minn kull sikka
fost il-mewġ qalil, w iftħilna
triq is-sliem qabel nintilfu.

Lejk induru, int li b'riġlek
ras is-serp għaffiġt, għax waħdek
tnissilt safja w kont meħlusa
minn kull tebgħa w nifs ta' ħtija.

Agħmel int li nsebbħu f'kollox
lill-Missier, lil Kristu Ibnek,
u 'l-Ispirtu, li bil-grazzja
hekk imlewk li ħadd m'hu bħalek. Amen.

## Salmodija

*(Salmi u Kantiku tal-I Għasar pġ. 40)*

**Ant. 1**: Omm safja u ta' l-għaġeb, mingħajr ebda tebgħa, li stħaqqilha ġġib 'l Alla fid-dinja.

**Ant. 2**: Il-Mulej libbisni bi lbies is-salvazzjoni, il-mantar tal-ġustizzja għattieni.

**Ant. 3**: Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; il-Mulej miegħek.

## Lezzjoni Qasira — Rum 8, 29-30

Lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa; lil dawk li ppredestinahom, sejjħilhom ukoll; lil dawk li sejjħilhom, iġġustifikahom ukoll; lil dawk imbagħad li ġġustifikahom, igglorifikahom ukoll.

## Responsorju Qasir

R/. Ngħollik bit-tifħir, Alla tiegħi, * Għaliex għoġbok teħlisni.
V/. Ngħollik bit-tifħir, Alla tiegħi, * Għaliex għoġbok teħlisni.
R/. U ma ferraħtx l-għedewwa tiegħi bija.
V/. Għaliex għoġbok teħlisni.
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Ngħollik bit-tifħir, Alla tiegħi, * Għaliex għoġbok teħlisni.

**Ant. Kant. Marija**: Kull nisel isejjaħli hienja, għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar, hallelujah.
(*Kantiku ta' Marija pġ. 51*)

## Preċi

Alla, il-Missier li jista' kollox, ried li kull nisel ifaħħar lil Marija, Omm Ibnu. Insebbħuh u ngħolluh bit-tifħir, u fiċ-ċokon tagħna nitolbuh u ngħidulu:

*Tidħol għalina quddiemek Marija, mimlija bil-grazzja.*

O Alla, li tagħmel l-għeġubijiet, int tellajt fis-sema, bir-ruħ u l-ġisem, lill-Verġni bla tebgħa Marija, u seħibtha ma Kristu fil-glorja: ibqa' mexxi l-qlub ta' wliedek sa ma jaslu fl-istess sebħ.

Int, li tajtna lil Marija bħala ommna, bit-talb tagħha fejjaq il-morda, farraġ l-imnikktin, aħfer lill-midinbin: agħti lil kulħadd is-salvazzjoni u s-sliem.

Int sawwabt fuq Marija l-milja tal-grazzja: ferraħ lilna wkoll bil-milja tal-grazzji tiegħek.

Żomm il-Knisja tiegħek magħquda qalb waħda u ruħ waħda fl-imħabba: agħmel li l-fidili tiegħek jibqgħu ħaġa waħda bejniethom fit-talb flimkien ma Marija, Omm Ġesù.

Int żejjint lil Marija bil-kuruna ta' sultana tas-sema: agħmel li ħutna l-mejtin jidħlu għal dejjem fl-hena tas-saltna tiegħek mal-qtajja' tal-qaddisin.

*Missierna.*

**Talba**

O Alla, bit-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija int ħejjejt għamara xierqa għal Ibnek; kif int qist minn qabel il-merti ta' l-istess Ibnek biex ħarist lil Ommu minn kull tebgħa ta' dnub, agħmel li aħna, bit-talb tagħha, naslu safja għandek. B'Ibnek.

# Tifħir

## Innu

Minn qiegħ qalbna toħroġ għanja
ta' tifħir għalik, Omm Alla,
biex infakkru kif jixraqlek
l-ewwel waqt tas-sbiħ ta' ħajtek.

Verġni Mqaddsa, ġieħ tad-dinja,
bint id-dawl li kien minn dejjem,
Ibnek ħarsek minn kull tebgħa
sa mill-ewwel bidu tiegħek.

Minn Adam ilkoll nitnisslu
fit-tinġis ta' l-ewwel ħtija:
int waħdek, wara Kristu,
qatt ma kont bil-għajb mimsusa.

Ras is-serp li qarraq bina
tgħaffġet sħiħ ma' l-art taħt riġlek,
bħalma t-tfajjel David xejjen
ġgant ta' saħħa barranija.

Dħalt fid-dinja bħal ħamiema
ġwejda w mingħajr semm ta' ħtija,
bis-sinjal tal-ħniena t'Alla,
rimja ġdida t'għerq il-grazzja.

Agħmel int li nsebbħu f'kollox
lill-Missier, lil Kristu Ibnek,
u 'l Ispirtu, li bil-grazzja
hekk imlewk li ħadd m'hu bħalek. Amen.

## Salmodija

*(Salmi u Kantiku tat-Tifħir pġ. 43)*

**Ant. 1**: Omm safja u ta' l-għaġeb, mingħajr ebda tebgħa, li stħaqqilha ġġib 'l Alla fid-dinja.

**Ant. 2**: Imbierka int, Verġni Marija, mill-Mulej Alla l-Għoli, aktar minn nisa' kollha ta' l-art.

**Ant. 3**: Iġbidna warajk, Xebba bla tebgħa, ejja niġru; il-fwejjaħ tiegħek fihom riħa li tgħaxxaq.

## Lezzjoni Qasira — Iż 43:1

Dan jgħid il-Mulej, il-ħallieq tiegħek, Ġakobb, dak li sawwrek, Israel: Tibżax, għax jien fdejtek, sejjaħtlek b'ismek, inti tiegħi.

## Responsorju Qasir

R/. Alla li jista' kollox, * Ħażżimmni bil-qawwa.
V/. Alla li jista' kollox, * Ħażżimmni bil-qawwa.
R/. Mexxieni fi triqti bla tebgħa.
V/. Ħażżimmni bil-qawwa.
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
R/. Alla li jista' kollox, * Ħażżimmni bil-qawwa.

**Ant. Kant. Żakkarija**: Il-Mulej qal lis-serp: innissel mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u bejn nisilha; hi tgħaffiġlek rasek, hallelujah.
(*Kantiku ta' Żakkarija pġ. 2*)

## Preċi

Is-Salvatur tagħna għoġbu jitwieled minn Marija Verġni. Infaħħruħ u nitolbuh:

*Tidħol għalina quddiemek Ommok, Mulej.*

Salvatur tad-dinja, bil-grazzja qawwija tal-fidwa tiegħek int ħarist minn qabel lil Ommok minn kull tebgħa ta' dnub: żommna safja u

mbiegħda mid-dnub.

Feddej tagħna, int għamilt lill-Verġni bla tebgħa Marija għamara tiegħek l-iżjed qaddisa u santwarju ta' l-Ispirtu s-Santu: agħmilna tempju li fih jgħammar dejjem l-Ispirtu tiegħek.

*Tidħol għalina quddiemek Ommok, Mulej.*

Verb etern, int għallimt lil Ommok tagħżel għaliha s-sehem it-tajjeb: agħtina li nagħmlu bħalha, billi nfittxu l-ikel li jsaħħaħna għall-ħajja ta' dejjem.

Sultan tas-Slaten, int ridt li Ommok tkun imtellgħa ħdejk fis-sema bir-ruħ u l-ġisem: agħtina l-grazzja li ħsibijietna jkunu dejjem fil-ħwejjeġ tas-sema.

Sid is-sema u l-art, int qegħidt lil Marija sultana fil-leminija tiegħek: agħmel li jkun jistħoqqilna nissieħbu magħha fil-glorja.

Missierna.

### Talba

O Alla, bit-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija int ħejjejt għamara xierqa għal Ibnek; kif int qist minn qabel il-merti ta' l-istess Ibnek biex ħarist lil Ommu minn kull tebgħa ta' dnub, agħmel li aħna, bit-talb tagħha, naslu safja għandek. B'Ibnek.

## II Għasar

### Innu

Bieb tas-sema li ġo qalbek
tiftaħ kenn għall-Verġni kollha,
int, Omm Alla w dejjem Verġni,
tama tagħna w ferħ tal-ġenna.

O ħamiema bajda w safja,
ġilju qalb l-għollieq tal-ħajja,
bik mill-għerq ir-rimja ħarġet
għall-fejqan tal-ġerħa tagħna.

Reġġa' lura, torri qawwi,
ħbit il-għadu w biegħdu minna:
bid-dawl tiegħek, kewkba tiddi,
ġewwa l-port mixtieq wassalna.

Minn kull deni ta' qerq oħroġna,
żommna mbiegħda minn kull sikka
fost il-mewġ qalil, w iftħilna
triq is-sliem qabel nintilfu.

Lejk induru, int li b'riġlek
ras is-serp għaffiġt, għax waħdek
tnissilt safja w kont meħlusa
minn kull tebgħa w nifs ta' ħtija.

Agħmel int li nsebbħu f'kollox
lill-Missier, lil Kristu Ibnek,
u 'l-Ispirtu, li bil-grazzja
hekk imlewk li ħadd m'hu bħalek. Amen.

### SALMODIJA

*(Salmi u Kantiku tat-II Għasar pġ. 46)*

**Ant. 1**: Int kollok ġmiel, Marija: ma ttebbajtx bid-dnub tan-nisel

**Ant. 2**: Inti s-sebħ ta' Ġerusalemm, inti l-ferħ ta' Iżrael, inti l-ġieħ tal-poplu tagħna.

**Ant. 3**: Ilbiesek ta' bjuda li tgħammex, bħas-silġ, u wiċċek bħax-xemx.

### LEZZJONI QASIRA — RUM 5:20-21

Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja, biex bħalma saltan id-dnub permezz tal-mewt, hekk issa l-grazzja ssaltan permezz tal-ġustifikazzjoni għall-ħajja ta' dejjem b' Ġesù Kristu Sidna.

### RESPONSORJU QASIR

R/. Minn dan jien nagħraf * Li int kuntent bija.
V/. Minn dan jien nagħraf * Li int kuntent bija.
R/. Li l-għadu ma jifraħx minħabba fija.
V/. Li int kuntent bija.
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Minn dan jien nagħraf * Li int kuntent bija.

**Ant. Kant. Marija**: Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek; imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, hallelujah.
(*Kantiku ta' Marija pġ. 51*)

### PREĊI

Alla, il-Missier li jista' kollox, ried li kull nisel ifaħħar lil Marija, Omm Ibnu. Insebbħuh u ngħolluh bit-tifħir, u fiċ-ċokon tagħna nitolbuh u ngħidulu:

*Tidħol għalina quddiemek Marija, mimlija bil-grazzja.*

O Alla, li tagħmel l-għeġubijiet, int tellajt fis-sema, bir-ruħ u l-ġisem, lill-Verġni bla tebgħa Marija, u seħibtha ma Kristu fil-glorja: ibqa' mexxi l-qlub ta' wliedek sa ma jaslu fl-istess sebħ.

*Tidħol għalina quddiemek Marija, mimlija bil-grazzja.*

Int, li tajtna lil Marija bħala ommna, bit-talb tagħha fejjaq il-morda, farraġ l-imnikktin, aħfer lill-midinbin: agħti lil kulħadd is-salvazzjoni u s-sliem.

Int sawwabt fuq Marija l-milja tal-grazzja: ferraħ lilna wkoll bil-milja tal-grazzji tiegħek.

Żomm il-Knisja tiegħek magħquda qalb waħda u ruħ waħda fl-imħabba: agħmel li l-fidili tiegħek jibqgħu ħaġa waħda bejniethom fit-talb flimkien ma Marija, Omm Ġesù.

Int żejjint lil Marija bil-kuruna ta' sultana tas-sema: agħmel li ħutna l-mejtin jidħlu għal dejjem fl-hena tas-saltna tiegħek mal-qtajja' tal-qaddisin.

*Missierna.*

**TALBA**

O Alla, bit-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija int ħejjejt għamara xierqa għal Ibnek; kif int qist minn qabel il-merti ta' l-istess Ibnek biex ħarist lil Ommu minn kull tebgħa ta' dnub, agħmel li aħna, bit-talb tagħha, naslu safja għandek. B'Ibnek.

# 25 ta' Marzu

## IT-TĦABBIRA TAL-MULEJ

*Solennità*

## I Għasar

**INNU**

Ħlas il-ħajja niżel fostna:
ħa jkun dan magħruf mill-ħlejjaq!
Wara l-madmad tqil tal-jasar,
feġġ il-jum tal-fidwa tagħna.

Dak li ħabbar Iżaija
seħħ illum fil-Verġni Mqaddsa;
l-Anġlu tagħha l-aħbar sabiħa
w hija nisslet mill-Ispirtu.

Il-ġuf safi ta' Marija
tqal bil-kliem tal-fidi tagħha;
ġewwa fiha għoġbu jgħammar
dak li f'idu jżomm id-dinja.

Ġie Adam il-ġdid u naddaf
kull ma niġġes l-ewwel wieħed:
l-ubbidjenza reġgħet waqqfet
dak li ġarrfet is-suppervja.

Radd il-ħajr u sebħ lil Kristu,
l-Iben tal-Missier minn dejjem,
li, bis-setgħa ta' l-Ispirtu,
deher bħal bniedem minn Omm Verġni. Amen.

## Salmodija

*(Salmi minn pġ. 40)*

**Ant. 1**: Toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, u tinbet rimja minn għeruqu: fuqu jistrieħ l-Ispirtu tal-Mulej. (*Żm. Għ.* Hallelujah).

**Ant. 2**: Il-Mulej jagħti t-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem.

**Ant. 3**: Il-Verb ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien, tnеżża' minn kollox u llum sar bniedem minħabba fina.

**Fil 2, 6-11**

*Kristu, il-Qaddej ta' Alla*

Ġesù Kristu, li kellu n-natura ta' Alla, *
ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,

imma tneżża minn kollox, billi ħa n-natura ta' lsir †
sar jixbaħ lill-bniedem *
u deher minn barra bħal bniedem:

ċekken lilu nnifsu, †
billi obda sal-mewt, *
anzi sal-mewt tas-salib.

Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, *
u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem,

biex fl-Isem ta' Ġesù, †
fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art, *
il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkobbtejhom,

u kull ilsien jistqarr: †
"Ġesù Kristu hu l-Mulej *
għall-glorja ta' Alla l-Missier."

**Ant. 3**: Il-Verb ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien, tneżża' minn kollox u llum sar bniedem minħabba fina.

### Lezzjoni Qasira 1 Ġw 1:1-2

Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom. Għax il-ħajja write ruħha u aħna rajnieha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin inxandrulkom il-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u li wriet ruħha lilna.

### Responsorju Qasir

**Fir-Randan**

R/. Mill-għerq ta' Ġesse nibtet rimja * Minn Ġakobb telgħet kewkba.
V/. Mill-għerq ta' Ġesse nibtet rimja * Minn Ġakobb telgħet kewkba.
R/. Il-Verġni nisslet is-Salvatur.
V/. Minn Ġakobb telgħet kewkba.
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Mill-għerq ta' Ġesse nibtet rimja * Minn Ġakobb telgħet kewkba.

**Fi żmien il-Għid**

R/. Mill-għerq ta' Ġesse nibtet rimja, minn Ġakobb telgħet kewkba. * Hallelujah, hallelujah
V/. Mill-għerq ta' Ġesse nibtet rimja, minn Ġakobb telgħet kewkba. * Hallelujah, hallelujah
R/. Il-Verġni nisslet is-Salvatur.
V/. Hallelujah, hallelujah
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Mill-għerq ta' Ġesse nibtet rimja, minn Ġakobb telgħet kewkba. * Hallelujah, hallelujah

**Ant. Kant. Marija**: L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, Marija, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet il-qawwa tagħha fuqek. (*Żm Għ* hallelujah)

(*Kantiku ta' Marija pġ 51*)

### Preċi

Il-Missier etern f'dan il-jum bagħat l-Anġlu tiegħu biex iħabbar is-Salvatur tagħna lil Marija. Nadurawh u b'fiduċja kbira ngħidulu:

*Mulej, sawwab fuqna l-kotra tal-grazzja tiegħek.*

Int għażilt lil Marija biex tkun Omm Ibnek: ħenn għal dawk kollha li qegħdin jistennew il-fidwa bih.

Int, permezz ta' Gabrijel, ħabbart is-sliem u ferħ kbir lil Marija: agħti l-ferħ u s-sliem tassew lid-dinja kollha.

Permezz ta' Marija, li laqgħet il-kelma tiegħek, u bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, int bgħatt il-Verb tiegħek biex jgħammar fostna: ħejji lil qlubna biex nilqgħu lil Kristu kif laqgħetu l-Verġni Marija.

Int tħares lejn iċ-ċkejknin u timla bil-ġid lil min hu bil-ġuħ: serraħ lil min hu mtaqqal, għin lil min hu fil-bżonn, ieqaf mal-moribondi.

Għalik ma hemm xejn li ma jistax isir, u int waħdek tagħmel l-għeġubijiet: salva lilna u lil ħutna kollha meta fl-aħħar jum tqajjem lill-mejtin.

Missierna.

### Talba

O Alla, int ridt li l-Verb tiegħek isir bniedem bħalna fil-ġuf ta' Marija Verġni; agħtina l-grazzja biex aħna, li nistqarru li l-Feddej tagħna hu Alla u bniedem, insiru wkoll nixbhuh fil-ħajja tiegħu ta' Alla. B'Ibnek.

# Tifħir

## Innu

X'jum glorjuż bl-aħbar tal-fidwa!
Fih ġie l-anġlu għand il-Verġni
bil-messaġġ tat-tjieba t'Alla,
biex isseħħ il-wegħda hienja.

Il-Verb Alla, li hu mnissel
sa minn dejjem minn Missieru,
għoġbu wkoll minn fostna jagħżel
omm, ħa jgħix għal żmien fid-dinja.

Hekk sar bniedem w offra ruħu
bħala vittma għal dnubietna,
ħalli hu, bla ħtija, b'demmu
jista' jħassar dejn il-ħatja.

Verità li dehert fuq artna
b'ġisem bħalna minn Omm Verġni,
saffi 'l qalbna w bid-dawl tiegħek
imla 'l ruħna li tixtieqek.

W int, qaddejja umli t'Alla,
mis-smewwiet fejn qiegħda ssaltan,
ibqa ħares lilna wliedek
taħt għajnejk, bħal omm ħanina.

Glorja lilek, Kristu Sidna
Bin Marija, Omm u Verġni,
mal-Missier u ma' l-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Amen.

## Salmodija

*(Salmi u Kantiku tat-Tifħir pġ. 43)*

**Ant. 1**: Alla bagħat l-anġlu Gabrijel għad Marija Verġni l-għarusa ta' Ġużeppi (*Żm. Għ.* hallelujah).

**Ant. 2**: Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek (*Żm. Għ.* hallelujah).

**Ant. 3**: Il-Verġni nisslet b'kelma, bla ma ttiefset xbubitha, u baqgħet verġni meta tat lid-dinja s-Salvatur (*Żm. Għ.* hallelujah).

## Lezzjoni Qasira — Fil 2:6-7

Ġesù Kristu, li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, imma tneżża minn kollox, billi ħa n-natura ta' lsir, sar jixbaħ lill-bniedem u deher minn barra bħal bniedem.

## Responsorju Qasir

**Fir-Randan**

R/. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; * Il-Mulej miegħek.

V/. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; * Il-Mulej miegħek.

R/. Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek.

V/. Il-Mulej miegħek.

R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

V/. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; * Il-Mulej miegħek.

**Fi zmien il-Għid**

R/. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; il-Mulej miegħek. * Hallelujah, hallelujah.

V/. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; Il-Mulej miegħek. * Hallelujah, hallelujah.

R/. Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek.

V/. Hallelujah, hallelujah.

R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

V/. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; Il-Mulej miegħek. * Hallelujah, hallelujah.

**Ant. Kant. Żakkarija**: Fl-imħabba kbira li biha ħabbna, Alla bagħat lil Ibnu f'sura ta' ġisem midneb (*Żm. Għ.* hallelujah). (*Kantiku ta' Zakkarija pġ 2*)

## Preċi

Illum qegħdin niċċelebraw il-bidu tas-salvazzjoni tagħna bit-Tħbbira tal-Mulej. Bil-ferħ ta' qalbna nitolbu 'l Alla u ngħidulu:

*Tidħol għalina quddiemek l-Omm qaddisa ta' Alla.*

Il-Verġni Marija laqgħet b'ferħ kbir l-aħbar li bgħattilha ma' Gabrijel: agħmel, o Alla, li aħna wkoll nilqgħu s-Salvatur tagħna b'radd ta' ħajr.

Int ħarist lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħek: ftakar fina lkoll u ħenn għalina, għax int Missier ħanin.

Marija hija Eva l-ġdida li obdiet il-Kelma divina tiegħek: ħa jsir minna wkoll skond ir-rieda tiegħek.

Agħmel li l-Verġni Mqaddsa Marija tkun l-għajnuna ta' l-imsejknin u ta' min hu qalbu mbeżżgħa u dgħajjef: tidħol bit-talb tagħha għall-kleru, għar-reliġjużi, u għall-poplu kollu.

Missierna.

## Talba

O Alla, int ridt li l-Verb tiegħek isir bniedem bħalna fil-ġuf ta' Marija Verġni; agħtina l-grazzja biex aħna, li nistqarru li l-Feddej tagħna hu Alla u bniedem, insiru wkoll nixbhuh fil-ħajja tiegħu ta' Alla. B'Ibnek.

## Il Għasar

**Innu**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena w ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmgħalek,
ibdel fiha l-isem t'Eva,
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid mis-sema.

Uri li tassew int Ommna,
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex isir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibenk biex jagħtina
maħfra, safa w spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek.

Lill-Missier it-tifħir tagħna,
ġieħ u setgħa 'l Kristu Sidna,
lill-Ispirtu s-Santu l-qima,
sebħ lit-Tlieta, Alla wieħed. Amen.

## Salmodija

**Ant. 1**: L-anġlu tal-Mulej ħabbar lil Marija, u hi nisslet bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu (*Żm. Għ.* hallelujah).

**Salm 109 (110) 1-5.7**

Il-kelma tal-Mulej lil Sidi: *
"Oqgħod fuq il-lemin tiegħi,
sa ma nqiegħed l-għedewwa tiegħek *
mirfes taħt riġlejk."

Ix-xettru tal-qawwa tiegħek
jibgħat il-Mulej minn Sijon: *
aħkem f'nofs l-għedewwa tiegħek.
Tiegħek is-setgħa sa minn twelidek
fuq l-għoljiet imqaddsa, *
sa minn qabel is-sebħ bħan-nida jien nissiltek.

Ħalef il-Mulej, u ma jisgħobx bih: *
"Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek!"

Sidi fuq il-leminija tiegħek, *
jidrob is-slaten f'jum il-qilla tiegħu.
Mill-wied jixrob fi triqtu,
għalhekk jerfa' 'l fuq rasu.

**Ant. 1**: L-anġlu tal-Mulej ħabbar lil Marija, u hi nisslet bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu (*Żm. Għ.* hallelujah).

**Ant. 2**: Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla; int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben, u jkun jissejjaħ Bin Alla l-Għoli (*Żm. Għ.* hallelujah).

**Salm 129 (130)**

Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej: *
isma', Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa, *

jiena u nitolbok bil-ħniena.

Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej, *
Sidi, min jista' jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra, *
biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek.

Jien lill-Mulej nistenna, *
ruħi f'kelmtu tittama.
Tistenna ruħi lil Sidi, *
aktar milli l-għassiesa s-sebħ.

Aktar milli l-għassiesa s-sebħ, *
jistenna Iżrael lill-Mulej!
Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba, *
u l-fidwa għandu bil-kotra.

Hu li jifdi lil Iżrael *
minn ħtijietu kollha.

**Ant. 2**: Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla; int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben, u jkun jissejjaħ Bin Alla l-Għoli (*Żm. Għ.* hallelujah).

**Ant. 3**: Jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek (*Żm. Għ.* hallelujah).

**Kantiku**
*Kol 1:12-20*

Roddu ħajr lill-Missier, †
li għamilkom denji *
li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl.

Hu ħelisna mill-ħakma tad-dlam, *
u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-għażiż,

li bih għandna l-fidwa, *
    il-maħfra tad-dnubiet.

Hu x-xbieha ta’ Alla li ma jidhirx, *
    il-kbir fost il-ħlejjaq kollha;
għax fih kien maħluq kollox, *
    fis-sema u fl-art,
dak kollu li jidher †
    u dak kollu li ma jidhirx, *
    troni u ħakmiet, prinċipati u setgħat.

Kollox bih u għalih kien maħluq, †
    hu qabel kollox, *
    u kollox fih qiegħed iżomm.
Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja; †
    hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, *
    sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.

Fih għoġobha tgħammar il-milja kollha tad-divinità, *
    bih Alla għoġbu jerġa’ jħabbeb kollox miegħu,
u bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, *
    ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

**Ant. 3**: Jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek (*Żm. Għ.* hallelujah).

### Lezzjoni Qasira 1 Ġw 1:1-2

Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b’għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom. Għax il-ħajja wriet ruħha u aħna rajnieha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin inxandrulkom il-ħajja ta’ dejjem li kienet għand il-Missier u wriet ruħha lilna.

## Responsorju Qasir

### Fir-Randan

R/. Il-Verb sar bniedem, * u għammar fostna.
V/. Il-Verb sar bniedem, * u għammar fostna.
R/. Hu kien fil-bidu ma' Alla.
V/. U għammar fostna.
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Il-Verb sar bniedem, * u għammar fostna.

### Fi żmien il-Għid

R/. Il-Verb sar bniedem, u għammar fostna. * Hallelujah, hallelujah.
V/. Il-Verb sar bniedem, u għammar fostna. * Hallelujah, hallelujah.
R/. Hu kien fil-bidu ma' Alla.
V/. Hallelujah, hallelujah
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Il-Verb sar bniedem, u għammar fostna. * Hallelujah, hallelujah.

**Ant. Kant. Marija**: L-anġlu Gabrijel qal lil Marija: Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek; imbierka inri fost in-nisa (*Żm. Għ.* hallelujah).
(*Kantiku ta' Marija pġ 51*)

## Preċi

(*Preċi u Talba mill-I Għasar pġ. 16*)

# 31 ta' Mejju

## Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija

## I Għasar

### Innu

Ejja, Sidt glorjża tagħna,
o Marija, ejja żurna,
int imlejt id-dar għażiża
ta' qaribtek b'ferħ is-sema.

Ejja, ħajja w tama tagħna,
biex tnaddafna minn ħtijietna;
żur lill-poplu u biegħed minnu
kull tiġrib ta' biża' w ħsara.

Ejja, kewkba tal-baħħara,
ixħet fuqna raġġ ta' paċi,
biex turina t-triq u żżommna
miexja fiha sħaħ bla tebgħa.

Ejja żurna, Omm l-imħabba,
qawwi l-ħila dgħajfa tagħna;
tħalliniex mingħajr għajnuna
f'dan il-mewġ qalil tal-ħajja.

Ejja, Verġni, bint is-slaten,
reġġa' lura n-nagħaġ mitlufa,
għinhom jreġġgħu jsibu l-għaqda
f'merħla waħda taħt ragħaj wieħed.

Ejja fostna, o Marija,
Omm il-Knisja, ħalli miegħek
nagħtu dejjem ġieħ lill-Iben,
mal-Missier u ma' l-Ispirtu. Amen.

## SALMODIJA

*(Salmi u Kantiku tal-I Għasar pġ. 40)*

**Ant. 1**: Marija daħlet għand Żakkarija, u sellmet lil Elizabetta (*Żm. Għ.* Hallelujah).

**Ant. 2**: Malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ (*Żm. Għ.* Hallelujah).

**Ant. 3**: Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek (*Żm. Għ.* Hallelujah).

## LEZZJONI QASIRA — ĠOEL 2:27-3:1A

Tagħrfu li jien ninsab f'nofs Iżrael, u li jiena l-Mulej, Alla tagħkom, u m'hemmx ħliefi! U l-poplu tiegħi ma jkollu qatt iżjed mniex jistħi! "Wara dan, jiġri li jiena nsawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha. Uliedkom iħabbru, subjien u bniet.

## RESPONSORJU QASIR

R/. Għażilha l-Mulej, * u ħatarha fost kulħadd.
V/. Għażilha l-Mulej, * u ħatarha fost kulħadd.
R/. Daħħalha tgħammar fid-dar tiegħu.
V/. u ħatarha fost kulħadd.
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Għażilha l-Mulej, * u ħatarha fost kulħadd.

**Ant. Kant. Żakkarija**: Malli Elizabetta semgħet lil Marija sselmilha, infexxet f'għajta kbira u qalet: Minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi?

(*Kantiku ta' Marija pġ. 51)*

## PREĊI

Is-Salvatur tagħna għoġbu jitwieled minn Marija Verġni. Infaħħruh u nitolbuh:

*Tidħol għalina quddiemek Ommok, Mulej.*

Xemx tal-ġustizzja, qablek feġġet ix-Xebba bla tebgħa bħad-dawl taż-żerniq: agħmel li ngħxu dejjem fid-dawl taż-żjara tiegħek.

*Tidħol għalina quddiemek Ommok, Mulej.*

Verb etern, int għażilt lil Marija biex tgħammar fiha bħal f'arka li ma titħassarx: eħlisna mit-taħsir tad-dnub.

Salvatur tagħna, int kellek lil Ommok wieqfa ħdejk taħt is-salib: bit-talb tagħha agħtina li nissieħbu ferħana fi tbatijietek.

Ġesù l-aktar twajjeb, minn fuq is-salib ibt tajt lil Marija b'omm Ġwanni: agħmel li bil-ħajja tagħna ningħarfu b'uliedha.

Missierna.

### Talba

O Alla ta' dejjem li tista' kollox, meta l-Verġni Mqaddsa Marija saret Omm Ibnek, qabel ma tatu lid-dinja int nebbaħtha biex tmur iżżur lil Eliżabetta; agħmel li aħna wkoll inġibu ruħna skond ma jnebbaħna l-Ispirtu s-Santu, biex inkunu nistgħu, flimkien ma Marija, infaħħru dejjem il-kobor tiegħek. B'Ibnek.

## Tifħir

### Innu

Omm qaddisa, ejja, w miegħek
ġib id-don li tak l-Ispirtu,
biex tferraħna b'din iż-żjara,
kif ferraħt f'ġuf ommu 'l Ġwanni.

Ejja, Verġni, bit-tarbija,
biex id-dinja tara w temmen,
u jseħħilha dejjem tfaħħrek
kif jistħoqqlok, bħal Omm Alla.

Sellem issa wkoll lill-Knisja,
biex, kif tisma' l-ħoss ta' leħnek,
tqum malajr bil-ferħ tal-miġja
tal-Mulej, li hi tistenna.

Itfa' ħarstek, o Marija,
fuq il-popli wlied il-fidi;
lejk iduru b'ħerqa kbira,
jistennew l-għajnuna tiegħek.

Serħ u tama ħelwa tagħna,
port mixtieq ta' salvazzjoni,
tul il-vjaġġ kun int il-kewkba
li twassalna fl-art imwiegħda.

Miegħek, Verġni, ruħna tfaħħar
kobor Alla w tifraħ f'Sidna,
għaliex hu l-Mulej li kabbrek,
hu l-Qaddis, għal dejjem ismu! Amen.

### Salmodija

*(Salmi u Kantiku tat-Tifħir pġ. 43)*

**Ant. 1**: Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija (*Żm. Għ.* hallelujah).

**Ant. 2**: Malli Eliżabetta semgħet lil Marija sselmilha, it-tarbija tagħha qabżet fil-ġuf u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu (*Żm. Għ.* hallelujah).

**Ant. 3**: Hienja int, Marija, għax emmint li jseħħ kull ma bagħat jgħidlek il-Mulej (*Żm. Għ.* hallelujah).

### Lezzjoni Qasira — Ġoel 2:27-3:1a

Tagħrfu li jien ninsab f'nofs Iżrael, u li jiena l-Mulej, Alla tagħkom, u m'hemmx ħliefi! U l-poplu tiegħi ma jkollu qatt iżjed mniex jistħi! "Wara dan, jiġri li jiena nsawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha. Uliedkom iħabbru, subjien u bniet.

### Responsorju Qasir

R/. Għażilha l-Mulej, * u ħatarha fost kulħadd.
V/. Għażilha l-Mulej, * u ħatarha fost kulħadd.
R/. Daħħalha tgħammar fid-dar tiegħu.
V/. u ħatarha fost kulħadd.
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Għażilha l-Mulej, * u ħatarha fost kulħadd.

**Ant. Kant. Żakkarija**: Malli Eliżabetta semgħet lil Marija sselmilha, infexxet f'għajta kbira u qalet: Minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi?

(*Kantiku ta' Żakkarija pġ. 2)*

### Preċi

Is-Salvatur tagħna għoġbu jitwieled minn Marija Verġni. Infaħħruh u nitolbuh:

*Tidħol għalina quddiemek Ommok, Mulej.*

Xemx tal-ġustizzja, qablek feġġet ix-Xebba bla tebgħa bħad-dawl taż-żerniq: agħmel li ngħxu dejjem fid-dawl taż-żjara tiegħek.

Verb etern, int għażilt lil Marija biex tgħammar fiha bħal f'arka li ma titħassarx: eħlisna mit-taħsir tad-dnub.

Salvatur tagħna, int kellek lil Ommok wieqfa ħdejk taħt is-salib: bit-talb tagħha agħtina li nissieħbu ferħana fi tbatijietek.

Ġesù l-aktar twajjeb, minn fuq is-salib ibt tajt lil Marija b'omm Ġwanni: agħmel li bil-ħajja tagħna ningħarfu b'uliedha.

Missierna.

**Talba**

O Alla ta' dejjem li tista' kollox, meta l-Verġni Mqaddsa Marija saret Omm Ibnek, qabel ma tatu lid-dinja int nebbaħtha biex tmur iżżur lil Eliżabetta; agħmel li aħna wkoll inġibu ruħna skond ma jnebbaħna l-Ispirtu s-Santu, biex inkunu nistgħu, flimkien ma Marija, infaħħru dejjem il-kobor tiegħek. B'Ibnek.

# II Għasar

### Innu

Mort b'pass ħafif lejn l-għoljiet ta' Ġuda,
Xebba li Alla nnifsu għamlek ommu,
biex ikollok ħerqa tagħti lil qaribtek
sinjal ta' mħabbtek.

Int sellimtilha; malli semgħet leħnek,
qabeż bil-ferħ il-Prekursur ġo fiha,
u b'għajta kbira sellmet fik 'l Omm Sidha,
imbierka w hienja.

Ħabbart, imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu,
li l-ġnus f'kull żmien għad isejħulek hienja;
'l Alla faħħart għall-ħwejjeġ kbar ta' l-għaġeb
li għamel miegħek.

U tabilħaqq, Omm ħelwa, l-popli kollha
ma naqsu qatt juruk imħabba w għożża,
għax jemmnu sħiħ li bik jaqilgħu dejjem
il-grazzji t'Alla.

Omm twajba, li ġġibilna 'l Kristu miegħek,
ġibilna wkoll għajnuna w doni mqaddsa,
biex miegħek tfaħħar ruħna l-kobor t'Alla
Salvatur tagħna. Amen.

### Salmodija

*(Salmi u Kantiku tat-II Għasar pġ. 46)*

**Ant. 1**: Marija daħlet għand Żakkarija, u sellmet lil Eliżabetta (*Żm. Għ.* Hallelujah).

**Ant. 2**: Malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ (*Żm. Għ.* Hallelujah).

**Ant. 3**: Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek (*Żm. Għ.* Hallelujah).

### Lezzjoni Qasira 1 Piet 5:5b-7

Tħażżmu, ilkoll kemm intom, bl-umiltà lejn xulxin, għax Alla jiqfilhom lill-kburin, imma jagħti l-grazzja tiegħu lill-umli. Kunu mela umli taħt l-id setgħana ta' Alla, biex hu jerfagħkom meta jasal il-waqt. Ixħtu fuqu il-ħsibijiet tagħkom kollha, għax hu jaħseb fikom.

### Responsorju Qasir

R/. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; * Il-Mulej miegħek.
V/. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; * Il-Mulej miegħek.
R/. Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek.
V/. Il-Mulej miegħek.
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja; * Il-Mulej miegħek.

**Ant. Kant. Marija**: Kull nisel isejjaħli hienja, għax Alla xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tiegħi, qaddejja tiegħu, hallelujah.
(*Kantiku ta' Marija pġ. 51*)

### Preċi

Alla, il-Missier li jista' kollox, ried li kull nisel ifaħħar lil Marija, Omm Ibnu. Insebbħuh u ngħolluh bit-tifħir, u fiċ-ċokon tagħna nitolbuh u ngħidulu:

*Tidħol għalina quddiemek Marija, mimlija bil-grazzja.*

O Alla, li tagħmel l-għeġubijiet, int tellajt fis-sema, bir-ruħ u l-ġisem, lill-Verġni bla tebgħa Marija, u seħibtha ma Kristu fil-glorja: ibqa' mexxi l-qlub ta' wliedek sa ma jaslu fl-istess sebħ.

Int, li tajtna lil Marija bħala ommna, bit-talb tagħha fejjaq il-morda, farraġ l-imnikktin, aħfer lill-midinbin: agħti lil kulħadd is-salvazzjoni u s-sliem.

*Tidħol għalina quddiemek Marija, mimlija bil-grazzja.*

Int sawwabt fuq Marija l-milja tal-grazzja: ferraħ lilna wkoll bil-milja tal-grazzji tiegħek.

Żomm il-Knisja tiegħek magħquda qalb waħda u ruħ waħda fl-imħabba: agħmel li l-fidili tiegħek jibqgħu ħaġa waħda bejniethom fit-talb flimkien ma Marija, Omm Ġesù.

Int żejjint lil Marija bil-kuruna ta' sultana tas-sema: agħmel li ħutna l-mejtin jidħlu għal dejjem fl-hena tas-saltna tiegħek mal-qtajja' tal-qaddisin.

Missierna.

**Talba**

O Alla ta' dejjem li tista' kollox, meta l-Verġni Mqaddsa Marija saret Omm Ibnek, qabel ma tatu lid-dinja int nebbaħtha biex tmur iżżur lil Eliżabetta; agħmel li aħna wkoll inġibu ruħna skond ma jnebbaħna l-Ispirtu s-Santu, biex inkunu nistgħu, flimkien ma Marija, infaħħru dejjem il-kobor tiegħek. B'Ibnek.

# 2 t'Awissu

## Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' l-Anġli tal-Porziuncola

### Tifħir

**Innu**

Lilek xejn ma jiċħad Ibnek
minn kemm ġid għandu, Marija;
waqt li nqimu l-knisja tiegħek
Int ħarisna minn kull ħtija.

Biegħed minna dak li jista'
iħajjarna għad-dnubiet,
b'hekk nistmerru dak li jqanqal
l-għadab t'Alla mis-smewwiet.

U jekk qatt fid-dnub niġġarfu
agħmel Int li fis id-dmugħ
juri ndiema, b'hekk neħilsu
mill-kastig li jifni r-ruħ.

Agħmel li ħajjitna tixbaħ
lil dik ta' Missierna Fqajjar,
tkun nadifa, tkun meqjusa
u għall-qerq qatt ma titħajjar.

Jalla t-talb jimlielna ruħna
b'hena w ferħ ogħla mill-kliem,
nagħtu l-ġenb lit-tlellix fieragħ,
niksbu ġid li ma jafx tmiem.

Jalla l-qlub indaf mill-ħażen
jaqbdu b'nar ġej mill-qdusija,
kif Ġesù irid li jkollna
meta jaħfer l-għajb tal-ħtija.

Glorja, issa u għal dejjem,
lil Ġesù, Iben Marija,
lill-Missier Etern setgħani,
lill-Ispirtu tal-Qdusija. Amen.

### Salmodija

*(Salmi u Kantiku tat-Tifħir pġ. 43)*

**Ant. 1**: Imbierka inti fost in-nisa, u imbierka fl-għamara tiegħek.

**Ant. 2**: Tifraħ ruħek fil-ħniena tiegħu, u ma titħawwadx fit-tifħir tiegħu.

**Ant. 3**: Jien inħobb lil min iħobbni, u min jishar miegħi kmieni, isibni.

### Lezzjoni Qasira — Sir 24,25-27

Fija hemm kull grazzja tat-triq u tas-sewwa; fija kull tama tal-ħajja u tal-qawwa. Ejjew għandi intom ilkoll li tixtiquni, u imtlew min-nisel tiegħi. L-ispirtu tiegħi huwa oħla mill-għasel, u wirti aqwa mill-għasel u l-ħlewwa.

### Responsorju Qasir

R/. Jien bħal dielja * Tajt frott ta' fwieħa ħelwa.
V/. Jien bħal dielja * Tajt frott ta' fwieħa ħelwa.
R/. U l-ward tiegħi huwa frott l-unur u l-ħajja onesta.
V/.Tajt frott ta' fwieħa ħelwa.
R/.Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
V/. Jien bħal dielja * Tajt frott ta' fwieħa ħelwa.

**Ant. Kant. Żakkarija**: Imbierek il-Mulej, li llum tant għolla lil ismek, li t-tifħir tiegħek ma jonqos qatt minn fuq xofftejn il-bnedmin, li jfakkru l-qawwa tal-Mulej għal dejjem.

(*Kantiku ta' Żakkarija pġ. 2*)

### Preċi

Nifirħu bil-Feddej tagħna li għoġbu jitwieled minn Marija Verġni, u nitolbuh:

*Tidħol għalina l-Omm tiegħek, Mulej.*

Salvatur tad-dinja, int ħlist lil Ommok minn kull tebgħa tad-dnub bil-qawwa tal-fidwa tiegħek: żommna nodfa mid-dnub.

Feddej tagħna, li għamilt il-ġuf safi tal-Verġni Marija l-għamara tiegħek u tempju ta' l-Ispirtu s-Santu: agħmilna tempju għal dejjem ta' l-Ispirtu tiegħek.

Verb etern, li għallimt lil Ommok tagħżel is-sehem it-tajjeb: agħtina li nimxu fuq l-eżempju tagħha, billi nfittxu l-ikel li jwassal għall-ħajja ta' dejjem.

Sultan tas-slaten, li ridt ittella' lil Ommok bir-ruħ u l-ġisem fis-sema: agħmel li dejjem naħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema.

Sid tas-sema u ta' l-art, li għamilt lil Marija sultana fuq il-lemin tiegħek: agħtina li jkun jistħoqqilna nieħdu sehem mill-glorja tagħha.

Missierna.

### Talba

Agħti lilna, Mulej, li qegħdin nagħmlu t-tifkira glorjuża tal-Verġni Marija, Sultana ta' l-Anġli, li għat-talb tagħha, aħna wkoll jistħoqqilna nieħdu sehem mill-milja tal-grazzja tiegħek. B'Ibnek.

# Għasar

## Innu

O Marija, li fi mħabbtek,
tilqa' t-talb ta' kull imsejken,
għandek niġu għall-għajnuna,
ixħet dejjem ħarstek fuqna.

Ieqaf magħna jekk il-ktajjen
ta' dnubietna jagħfsu fuqna;
ħoll malajr l-irbit tal-ħtija,
li jżommilna 'l qalbna lsira.

Għinna int jekk l-art tħajjarna
bit-tlellix u l-frugħa tagħha;
tħalliniex ninsew is-sema
biex mit-triq tad-dawl nitwarrbu.

Għinna int kull meta jżurna
l-hemm u n-niket ta' dil-ħajja;
tina s-sliem li jżomm it-tama
tas-smewwiet mixgħula fina.

U fi tmiem il-vjaġġ, Omm ħelwa,
ersaq, ersaq lejn uliedek,
ħu f'idejk it-tmun tad-dgħajsa
sa ġol-port tas-salvazzjoni.

Agħmel int li nsebbħu f'kollox
lill-Missier, lil Kristu Ibnek,
u 'l-Ispirtu, li bħal b'libsa
ta' ġmiel kbir żejnuk bil-grazzja. Amen.

## Salmodija

*(Salmi u Kantiku tat-II Għasar pġ. 46)*

**Ant. 1**: Dawwru widnejkom u ejjew għandi; isimgħu u tgħix fil-għana ruħkom.

**Ant. 2**: Tefa' fuqna l-ħniena tiegħu biex jagħtina l-ħajja u jdawwal id-dar ta' Alla tagħna.

**Ant. 3**: Alla ta' Iżrael iwassal lil uliedek għandek bil-ferħ fid-dawl tal-kobor tiegħek, bil-ħniena u l-ġustizzja.

## Lezzjoni Qasira — Ġdt 13,31

Imbierka int minn Alla tiegħek fl-għamajjar kollha ta' Ġakobb, għax kull ġens li jisma' b'ismek, ifaħħar lil Alla ta' Iżrael minħabba fik.

## Responsorju Qasir

R/. Imbierka int * Mill-Mulej setgħani.
V/. Imbierka int * Mill-Mulej setgħani.
R/. Għax bik ħadna l-frott tal-ħajja.
V/. Mill-Mulej setgħani.
R/. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
V/. Imbierka int * Mill-Mulej setgħani.

**Ant. Kant. Marija**: O Mqaddsa Verġni Marija, int il-għajn tal-ħniena, int l-Omm tal-grazzja, ismagħna lilna uliedek, li llum qed inressqu t-talb tagħna quddiemek.

(*Kantiku ta' Marija pġ. 51*)

## Preċi

Infaħħru bil-qalb lil Alla l-Missier li jista' kollox, li ried li l-ġnus kollha jagħtu qima lil Marija bħala Omm Ibnu, u nitolbu bl-umiltà:

*Tidħol għalina quddiemek Marija, mimlija bil-grazzja.*

O Alla, li tagħmel l-għeġubijiet, int ridt issieħeb fil-glorja tas-sema ma' Kristu lil Marija Verġni bir-ruħ u l-ġisem: mexxi l-qlub ta' wliedek għal din l-istess glorja.

*Tidħol għalina quddiemek Marija, mimlija bil-grazzja.*

Int li tajtna lil Marija bħala ommna, bl-interċessjoni tagħha agħti s-saħħa lill-morda, il-faraġ lill-imnikktin, il-maħfra lill-midinbin: u sliem u hena lil kulħadd.

Int li għamilt lil Marija mimlija bil-grazzja: agħti lil kulħadd il-kotra tal-grazzja tiegħek, li tferraħ il-qlub.

Agħmel li l-Knisja tiegħek tkun qalb waħda u ruħ waħda fl-imħabba: u li l-fidili jibqgħu magħqudin fit-talb flimkien ma' Marija, Omm Ġesù.

Int li inkurunajt lil Marija bħala sultana tas-sema: agħmel li l-mejtin jifirħu għal dejjem mal-qtajja' talqaddisin fis-saltna tiegħek.

Missierna.

### TALBA

Agħti lilna, Mulej, li qegħdin nagħmlu t-tifkira glorjuża tal-Verġni Marija, Sultana ta' l-Anġli, li għat-talb tagħha, aħna wkoll jistħoqqilna nieħdu sehem mill-milja tal-grazzja tiegħek. B'Ibnek.

## Komun tal-Madonna

## I Għasar

**Salm 112 (113)**
*Ikun imfaħħar isem il-Mulej*

Faħħru, qaddejja tal-Mulej, *
faħħru isem il-Mulej.
Ikun imbierek isem il-Mulej, *
minn issa u għal dejjem!

Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha *
ikun imfaħħar isem il-Mulej!
Għoli fuq il-ġnus kollha l-Mulej, *
ogħla mis-smewwiet hu sebħu.

Min hu bħall-Mulej, Alla tagħna, †
li qiegħed fl-għoli? *
Hu li jħares 'l isfel, lejn is-smewwiet u lejn l-art.

Hu li jqajjem mit-trab l-imsejken, *
u jerfa' mill-miżbla l-fqajjar,
biex mal-kbarat iqiegħdu, *
mal-kbarat tal-poplu tiegħu.

Il-mara bla wlied iqegħedha f'darha, *
jagħmilha omm ferħana b'uliedha.

**Salm 147 (147B)**
*Ġerusalemm tiġġedded*

Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej; *
faħħar 'l Alla tiegħek, Sijon!
Hu jsaħħaħ l-istaneg ta' bwiebek, *
u jbierek ġewwa fik 'l uliedek. –

Hu jqiegħed fis-sliem it-trufijiet ta’ artek, *
u lilek bl-aħjar qamħ ixebbgħek.
Hu jibgħat fuq l-art il-kmand tiegħu; *
bil-ħeffa tiġri l-kelma tiegħu.

Jibgħat is-silġ bħas-suf; *
ixerred bħar-rmied il-ġlata.
Jitfa’ s-silġ bħal frak tal-ħobż; *
u jagħqad l-ilma bil-kesħa tiegħu.
Isamma’ kelmtu, u jinħall is-silġ; *
jonfoħ ir-riħ tiegħu, u jiġri l-ilma!

Hu jxandar kelmtu lil Ġakobb *
il-liġijiet u d-digrieti tiegħu lil Iżrael.
Ma għamel hekk ma’ ebda poplu; *
lil ħadd ma għarraf id-digrieti tiegħu.

**Kantiku**
*Alla s-Salvatur tagħna, Ef. 1, 3-10.*

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, *
li mliena b’kull xorta ta’ barka spiritwali, fis-smewwiet, fi Kristu.

Hekk hu għażilna fih, †
sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, *
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba;

iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi †
permezz ta’ Ġesù Kristu, *
skond ma għoġob lir-rieda tiegħu,

għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, *
li biha mliena fil-Għażiż tiegħu. –

Fih aħna għandna l-fidwa, bid-demm tiegħu, *
il-maħfra tad-dnubiet,

skond il-għana tal-grazzja tiegħu, *
li biha fawwarna fil-għerf u l-għaqal kollu:

hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu, †
skond il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, *
u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet:

jiġifieri, li kollox jinġabar taħt Ras waħda, li hu Kristu, *
kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema.

# Tifħir

**Salm 62 (63):2-9**
*Ir-ruħ għatxana għall-Mulej*

Alla, Alla tiegħi int; *
 lilek ħerqan infittex.
Ruħi bil-għatx għalik, †
 għalik imxennaq jiena, *
 bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.

Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek, *
 biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek.
Għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja, *
 xufftejja jxandru t-tifħir tiegħek.

Għalhekk inbierkek tul ħajti kollha; *
 ngħolli idejja u nsejjaħ ismek.
Bħal b'ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela, *
 u jgħannilek fommi b'xufftejn ferrieħa,
meta, mimdud fuq friexi, fik niftakar, *
 u naħseb fuqek fis-sahriet tal-lejl.

Għax int kont għajnuna għalija, *
 għad-dell ta' ġwenħajk ngħanni bil-ferħ.
Miegħek tingħaqad ruħi, *
 int tweżinni bil-leminija tiegħek.

**Kantiku**
*Il-ħlejjaq kollha jfaħħru l-Mulej, Dan 3, 57-88. 56.*

Bierku, għemejjel kollha tal-Mulej, *
 faħħruh u għolluh għal dejjem.
Bierku, anġli tal-Mulej, il-Mulej, *
 bierku, smewwiet, il-Mulej. –

Bierku, ilmijiet kollha ta' fuq is-sema, il-Mulej; *
    bierku, setgħat kollha, il-Mulej.
Bierku, xemx u qamar, il-Mulej; *
    bierku, kwiekeb tas-sema, il-Mulej.

Bierku, xita u nida kollha, il-Mulej; *
    bierku, irjieħ kollha, il-Mulej.
Bierku, nar u sħana, il-Mulej; *
    bierku, bard u ksieħ, il-Mulej.

Bierku, nida u borra, il-Mulej; *
    bierku, silġ u bard, il-Mulej.
Bierku, ġlata u silġ, il-Mulej; *
    bierku, ljieli u ġranet , il-Mulej.

Bierku, dawl u dlam, il-Mulej; *
    bierku, beraq u sħab, il-Mulej.
Ħa tbierek l-art il-Mulej, *
    ħa tfaħħru u tgħollih għal dejjem.

Bierku, muntanji u għoljiet, il-Mulej; *
    bierku, kull ma jinbet fl-art, il-Mulej.
Bierku, egħjun, il-Mulej; *
    bierku, ibħra u xmajjar, il-Mulej.

Bierku, ħut kbir, u kull ma jżiġġ fl-ilma, il-Mulej; *
    bierku, tjur kollha ta' l-ajru, il-Mulej.
Bierku, bhejjem u mrieħel kollha, il-Mulej; *
    bierku, ulied il-bnedmin il-Mulej.

Bierek, Israel, il-Mulej, *
    faħħru u għollih għal dejjem.
Bierku, qassisin tal-Mulej, il-Mulej; *
    bierku, qaddejja tal-Mulej, il-Mulej. –

Bierku, spirti u rwieħ tal-ġusti, il-Mulej; *
    bierku, qaddisin u intom ta' qalb umli, il-Mulej.
Bierku, Ħananija, Għażarija u Misael, il-Mulej, *
    faħħruh u għolluh għal dejjem.

Inbierku l-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu; *
    infaħħruh u ngħolluh għal dejjem.
Inbierek int, Mulej, fil-wisa' kollu tas-sema,
    ta' min igħollik u jsebbħek fuq kollok għal dejjem.

**Salm 149**
*L-hena tal-qaddisin*

Għannu lill-Mulej għanja ġdida: *
    fil-ġemgħa ta' ħbiebu t-tifħir tiegħu!
Ħa jifraħ Iżrael bil-Ħallieq tiegħu, *
    u jithennew ulied Sijon bis-sultan tagħhom!

Ħa jfaħħru biż-żfin l-isem tiegħu, *
    bid-daqq tat-tanbur u taċ-ċetra!
Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, *
    u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa.

Bil-glorja jithennew ħbiebu, *
    u jaqbżu bil-ferħ fuq friexhom!
It-tifħir ta' Alla jkun fuq fommhom, *
    u sjuf b'żewġt ixfar f'idejhom,

biex jistgħu jitħallsu mill-ġnus, *
    u jagħtu l-kastig lill-popli,
jorbtu bil-ktajjen is-slaten tagħhom, *
    bi rbit tal-ħadid il-kbarat tagħhom,

jagħmlu minnhom il-ħaqq miktub għalihom; *
    dan hu ġieħ għall-ħbieb tiegħu kollha.

## Il Għasar

**Salm 121 (122)**
*Ġerusalemm il-belt qaddisa*

Fraħt meta qaluli: *
    "Sejrin f'dar il-Mulej?"
Diġà qegħdin riġlejna *
    fi bwiebek, Ġerusalemm!

Ġerusalemm, mibnija bħal belt, *
    magħquda ħaġa waħda.
Lejha t-tribujiet jitilgħu, *
    it-tribujiet tal-Mulej,
biex, skond il-liġi ta' Iżrael, *
    ifaħħru isem il-Mulej.
Għax hemm twaqqfu t-tronijiet tal-ħaqq, *
    it-tronijiet tad-dar ta' David.

Itolbu s-sliem għal Ġerusalemm: *
    "Ħa jkollhom is-sliem dawk kollha li jħobbuk!
Ħa jkun hemm is-sliem ġewwa l-ħitan tiegħek, *
    u l-ġid fil-palazzi tiegħek?"

Minħabba ħuti u ħbiebi, ħallini ngħidlek: *
    "Is-sliem għalik!"
Minħabba f'dar il-Mulej, Alla tagħna, *
    nixtieq illi jkollok il-ġid.

**Salm 126 (127)**
*Fieragħ kull taħbit mingħajr il-Mulej*

Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, *
    għalxejn jitħabtu l-bennejja.

Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt, *
    għalxejn jishar l-għassies.

Ma jiswielkom xejn li tbakkru, †
    jew li ddumu ma tistrieħu u li tieklu ħobż it-tbatija; *
    għax hu jipprovdi lill-għeżież tiegħu.

Ara, wirt il-Mulej huma l-ulied, *
    ħlas tiegħu hu frott il-ġuf.
Bħal vleġeġ f'id il-ġellied, *
    hekk huma wlied iż-żgħożija.

Hieni l-bniedem li għandu l-ħorġa mimlija bihom!*
    Ma jinfixilx meta jiltaqa' ma' l-għedewwa f'bieb il-belt.

**Kantiku**
*Alla s-Salvatur tagħna, Ef. 1, 3-10.*

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, *
    li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet, fi Kristu.

Hekk hu għażilna fih, †
    sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, *
    biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba;

iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi †
    permezz ta' Ġesù Kristu, *
    skond ma għoġob lir-rieda tiegħu,

għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, *
    li biha mliena fil-Għażiż tiegħu.

Fih aħna għandna l-fidwa, bid-demm tiegħu, *
    il-maħfra tad-dnubiet, –

skond il-għana tal-grazzja tiegħu, *
li biha fawwarna fil-għerf u l-għaqal kollu:

hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu, †
skond il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, *
u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet:

jiġifieri, li kollox jinġabar taħt Ras waħda, li hu Kristu, *
kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema.

# Antifoni tal-Madonna

## Tota Pulchra

Tota pulchra es, Maria,
    Tota pulchra es, Maria,
et macula originalis non est in te.
    et macula originalis non est in te.
Tu gloria Jerusalem,
    tu lætitia Israel,
tu honorificentia populi nostri.
    tu advocata peccatorum.

O Maria
    O Maria
Virgo prudentissima
    Mater clementissima
Ora pro nobis
    Intercede pro nobis ad Dominum Iesum Christum.

*Kollok sabiħa int Marija*
    *Kollok sabiħa int Marija.*
*u t-tebgħa tad-dnub tan-nisel ma tinsabx fik.*
    *u t-tebgħa tad-dnub tan-nisel ma tinsabx fik.*
*Inti l-glorja ta' Ġerusalemm*
    *Inti l-ferħ ta' Israel.*
*Inti l-ġieħ ta' ġensna.*
    *inti avucata tal-midinbin.*

*O Marija!*
    *O Marija!*
*Verġni kollok għaqal*
    *Omm kollok ħniena*
*Idħol għalina*
    *quddiem Sidna Ġesù Kristu.*

## Alma Redemptóris Mater

Alma Redemptóris Mater,
quæ pérvia cæli porta manes,
et stella maris,
succúrre cadénti,
súrgere qui curat, pópulo;
tu quæ genuísti,
natúra miránte, tuum sanctum Genitótrem,
Virgo prius ac postérius, Gabriélis ab ore
sumens illud Ave,
paccatórum miserére.

*Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej,*
*int bieb illi jagħti għas-sema,*
*int kewkba tal-baħar, Marija!*
*Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna,*
*għajnuna tal-poplu l-maħtur,*
*li b'għaġeb nissilt lil min ħalqek*
*fis-siegħa li lqajt it-tislima*
*li tak Gabrijel, u bqajt xebba',*
*kif qabel, hekk wara t-tnissil.*
*Ħenn, Omm, għal uliedek midinba.*

## Regina Cæli

Regína cæli lætáre, allelúia.
Quia quelli merúisti portáre, allelúia.
Resurréxit, sicut dixit, allelúia.
Ora pro nobis Deum, allelúia.

*Sultana tas-sema ifraħ, allelúia*
*Għax dak li kien miet, allelúia*
*Qam kif kien qal, allelúia*
*Itlob l'Alla għalina, allelúia*

## Kantiku Evanġeliku ta' Marija

*Ir-ruħ tifraħ fil-Mulej, Lq 1, 46-55.*

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli ħienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar: *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.